MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Appell Kriminali Numru. 125/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Haber)**

**Vs**
Geng Yan

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :**
**1) talli fit-2 t'Ottubru, 2004 u fil-jiem ta' qabel din id-data, f'Malta, bil-hsieb illi taghmel xi qliegh li jkun, ghinet, assistiet, tat parir jew habbirket biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu minn Malta bi ksur tal-Ligijiet ta' Malta, jew li sew f'Malta sew barra minn Malta kkongurat f'dak is-sens ma' xi persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 337A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2) u aktar talli fit-2 t'Ottubru, 2004 u fil-jiem ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer assocjat ruha flimkien u/ma xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta (reat bi ksur tal-Artikolu 337A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u dan bi ksur tal-Artikolu 48A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 t'April, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 337A, 48A u 17(h) tal-Kap. 9, sabet lill-imputata hatja w ikkundannata ghall-perjodu ta' prigunerija ta' sentejn u sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fis-26 t'April, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha
tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellanti hatja tal-ewwel imputazzjoni thassar, tirrevoka w tikkancella l-istess sentenza f'dik il-parti fejn l-appellanti giet iddikjarata hatja tat-tieni imputazzjoni w inoltre tvarja w tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena nflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellanti, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- 1. li l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata w inkompleta tal-ligi w dana meta ddikjarat illi t-tieni imputazzjoni hija wahda separata w indipendenti mill-ewwel akkuza w iddikjaratha hatja tal-istess. Illi ghalkemm hu guridikament possibbli li jirrizulta kemm ir-reat tal-kongura kif ukoll r-reat sottostanti kompletat, din r-regola generali ghandha eccezzjoni fil-kaz tar-reat taht l-artikolu 337A tal-Kap.9 . Dan ghaliex wiehed mill-elementi kostituttivi ta' dar-reat huwa proprju l-kongura w l-*actus reus* tar-reat jissussisti anki meta persuna jikkongura ma xi persuna ohra fis-sens imsemmi fl-istess artikolu. B'hekk ir-reat ta' traffikar ta' persuni huwa punit bil-piena msemmija fl-artikolu 337A anki jekk l-awtur tar-reat jkun wasal biss fil-livell**

**ta' kongura. Per konsegwenza r-reat *"ut sic"* kontemplat fl-artikolu 48A ma jista' qatt jissussisti fil-kaz tar-reat ta' traffikar ta' persuni. F' dan il-kaz il-legislatur deherlu li l-kongura titqies bhala wiehed mill-metodi ta' kif jista' jkollok l-aspett materjali tar-reat ta' traffikar ta' persuni. Ma jistax ikollok reat "ut sic" li l-actus reus tieghu jikkostitwixxi fl-istess hin reat separat u indipendenti. Hawn mhux il-kaz ta' xi aggravju ta' reat imma element materjali tal-istess reat. 2. li l-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva w l-Ewwel Qorti ma tat ebda piz lill-ammissjoni bikrija w li l-involviment taghha kien wiehed minimu ghax hi laqqghet lit-tlitt studenti Cinizi li kienu esprimew ix-xewqa' taghhom li jitilqu minn Malta klandestinament ma min kien f' pozizzjoni li jghinhom. Ta' dan kienet inghatat is-somma ta' erba mitt dollaru w mhux erba mitt lira Maltin, kif intqal bi zball fis-sentenza, minnghand kull wiehed minnhom. Ma kienetx la l-organizzatur jew il-finanzjatur ta' dan il-vjegg. Minkejja dan kollu nghatat piena li tirrifletti nofs il-piena li legalment setghet tigi nflitta f' dan il-kaz. 3. Illi minnkejja li l-appellanti ghamlet periodu ta' sitt xhur nieqes ftit granet taht arrest preventiv sad-data tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti kkundannatha ghall-periodu ta' sentejn u nofs prigunerija *"mill-lum"* u dan donnu jimplika li giet kundannata ghal tlitt snin prigunerija. Illi dan hu legalment skorrett ghax l-artikolu 22 tal-Kap.9 ma jipprovdi ghall-ebda diskrezzjoni mhollija f' idejn il-Qorti dwar l-applikabilita' tieghu izda hu wiehed tassattiv fl-applikazzjoni w l-import tieghu b' mod li tali tnaqqis fil-kalkolu tal-piena ghandu jitqies bhala awtomatiku , wara l-emenda li saret bl-Att III tas-sena 2002.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi ghar-rigward tal-ewwel aggravju , l-artikolu 337A tal-Kodici Kriminali introdott bl-Att III tas-sena 2002, jiddisponi testwalment illi :-**

***"Kull min bil-hsieb li jaghmel xi qliegh li jkun , jghin, jassisti, jaghti parir jew ihabbrek biex persuna ohra tidhol jew taghmel tentattiv biex tidhol jew tohrog jew taghmel tentattiv biex tohrog minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta' Malta , jew li , sew f' Malta sew barra minn Malta, jikkongura f' dak is-sens ma xi persuna ohra jista' , minghajr pregudizzju ghal kull-piena ohra taht dan il-Kodici jew taht xi ligi ohra , jehel il-piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa hames snin jew multa ta' ghaxart elef lira jew dik il-multa u prigunerija flimkien u d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 21 u 28A u dawk tal-Att dwar il-Probation ta' Hatjin ma jkunux japplikaw."*** **(sottolinear ta'din il-Qorti).**

**Mentri l-artikolu 48A, ukoll introdott bl-Att III tas-sena 2002, holoq ir-reat gdid ta' Assocjazzjoni, reat li kien gja jezisti skond il-Kap.101 u l-Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid testwalment hekk :-**

***" (1) Kull min f' Malta jassocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f' Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f' Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija , u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-Istampa, ikun hati ta' reat ta' assocjazzjoni biex jaghmel dak ir-reat." , u***

***"(3) kull min jinsab hati ta' assocjazzjoni taht dan l-artikolu jista' jehel il-piena ghal delitt ikkunsmat li jkun l-ghan ta' l-assocjazzjoni , mnaqqsa b' zewg gradi jew tlieta."***

Issa fil-waqt li l-artrikolu 48A jikkreja reat b' riferenza ghall-kull reat iehor , punibbli pero' fi gradi inqas minn kull xorta ta' reat ikkunsmat li ghalih tkun tirriferi l-assocjazzjoni , l-artikolu l-iehor il-gdid 337A , fih innifsu jikkontempla bhala reat "*ut sic*" l-istess assocjazzjoni jew kongura bhala wiehed mill-aspetti jew manifestazzjonijiet li bih ir-reat

jista’ jigi kunsmat . U skond l-artikolu 337A il-piena kemm ghar-reat ta’ traffikar kunsmat , ghat-tentattiv jew ghall-kongura hija l-istess.

Minn dan jidher li jekk persuna tkun instabet hatja ta’ reat jew reati ta’ traffikar ta’ persuni kontemplat jew kontemplati taht l-artikolu 337A, li bhala alternattiva jinkludu wkoll il-kongura, ma tistax ukoll tinstab hatja tar-reat tal-kongura taht id-dispozizzjoni generali kontemplata fl-artikolu 48A.

Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti l-appellanti ma setghetx tinstab hatja tat-tieni imputazzjoni w dan l-aggravju taghha jidher gustifikat , salv dejjem dak li ser jintqal dwar il-piena aktar il quddiem.

**Illi ghar-rigward tat-tieni aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella” **[14.6.1999] ,** “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**” [24.4.2003] u ohrajn.) F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi ghar-reat dedott fl-ewwel imputazzjoni .**

Illi l-appellanti tibda’ biex tissottometti li l-Ewwel Qorti ma tatx piz bizzejjed lill-ammissjoni bikrija li kienet ghamlet l-appellanti. Illi fl-ewwel lok jigi precizat li meta l-appellanti tressqet quddiem l-Ewwel Qorti fil-21 t’ Ottubru, 2004, hija kienet wiegbet li ma kienetx hatja. (fol. 3). Fl-istqarrija taghha a fols. 12 u 13 tal-process ukoll cahdet li kienet involuta fit-traffikar u li hadet flus ghal dan l-iskop. Kien biss fis-16 ta’ Novembru, 2004, wara li kienu nstemghu x-xhieda w inghalqet il-kompilazzjoni w l-atti gew mibghuta lill-Avukat Generali, li l-appellanti pprezentat nota fejn ammettiet biss l-ewwel imputazzjoni pero’ baqghet tikkontesta - kif del resto baqghet tikkontesta anki f’ dan l-appell - it-tieni imputazzjoni. Ghalhekk anki jekk wiehed kellu iqis biss l-ewwel imputazzjoni, ma jistax jghid li l-ammissjoni kienet wahda bikrija fil-veru sens tal-kelma.

**F' kull kaz pero', kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] , l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem , jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament , tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.**

**Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza** "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" , [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-**

"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( *Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for

other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..”

**Illi umbaghad aggravju iehor dwar il-piena hu li l-appellanti kellha parti minima fit-traffikar tat-tlitt Cinizi koncernati. Dan l-aggravju ftit li xejn huwa fondat ghax jirrizulta li l-appellanti kienet agixxiet ta' "*go between*" bejn l-emigranti klandestini u min kien qed jorganizza l-garr taghhom. Dan ma ghamlitux bi pjacir jew "*gratis et amoris*", imma versu korrispettiv ta' flus mhux traskurabbli anki jekk kien f' Dollari Amerikani w mhux fi flus Maltin, kif erronjament qalet l-Ewwel Qorti. B' hekk giet li ghall-qliegh u l-lukru taghha personali ghenet fix-xibka ta' traffikar ta' emigranti klandestini li f' dawn l-ahhar snin ixxetlet fil-pajjiz b' mod li dan qed isir centru ta' traffiku ta' immigranti klandestini lejn l-Ewropa provenjenti minn diversi kontinenti, traffiku li qed jaghti isem ferm hazin lill-pajjizna w jgib mieghu prezenza ta' persuni anki barranin li qed jorganizzaw u jisfruttaw dan il-fenomenu w jinkoragguh b' dannu ghall-integrita' territorjali tal-pajjiz u b' piz gdid u gravi fuq il-forzi tal-ordni li jridu jipprotegu din l-integrita' territorjali mill-assalti tal-kriminalita' internazzjonali organizzata. L-appellanti li suppost, skond ma qalet hi, giet Malta biex tistudja l-Ingliz, abbuzat bil-kbir mill-ospitalita' ta'**

**Malta u tal-Maltin w involviet ruha f' xibka ta' traffikar illegali ta' persuni, li anki jekk kienu konsenzjenti , kienu ukoll qed jiksru l-ligijiet nazzjonali w internazzjonali. F' dawn ic-cirkostanzi, l-Qrati jridu bil-fors jaghtu messagg li dan l-agir kriminali, sija jekk jigi kommess minn barranin kif ukoll jekk jigi komess minn Maltin, mhux ser jigi tollerat u ser jigi punit skond il-ligi. Kemm il-legislatur ha veduta serja ta' dawn it-tip ta' reati jidher car mill-fatt li skond l-artikolu 337A , trid bil-fors tinghata piena karcerarja f' kull kaz u la hu permess li jigi applikat l-artikolu 21, la li tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza u lanqas li jigi applikat xi wiehed mill-provvedimenti taht l-Att ta' l-Probation.**

**Illi umbaghad f' kull kaz l-Ewwel Qorti ma applikatx il-massimu tal-piena imma biss in-nofs fl-ispettru ta' diskrezzjoni li hi kellha, kif taccetta l-istess appellanti u ghalhekk zgur li ma jistax jintqal li fid-dawl tac-cirkostanzi li qed jifnu lill-pajjiz bi problema li ma gabiex b'idejh, li l-piena kienet manifestament esagerata.**

Illi finalment din il-Qorti tara li jekk ghandu jkun hemm xi riduzzjoni fil-piena in vista tal-konkluzzjoni fuq raggunta dwar it-tieni imputazzjoni, in vista tal-gravita' tar-reat minnha ammess u tal-piena xejn esagerata erogata mill-Ewwel Qorti li kienet nofs dik tal-massimu possibli ghall-reat wiehed biss u in vista' li l-element tal-piena li setgha nghata fil-piena komplessiva erogata mill-Ewwel Qorti ghat-tieni reat li issa qed tigi liberata minnu, jekk stess ghal dak ir-reat gie kkalkulat il-piena tar-reat kunsmat imnaaqas bi tlitt jew zewg gradi w li ghalih umbaghad gie applikat biss terga' n-nofs jew terz ta' dik il-piena hekk ridotta, skond ma jipprovdi l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali, seta' jkun biss wiehed zghir relattivament ghall-piena erogabbli fuq l-ewwel imputazzjoni minnha ammessa, din ir-riduzzjoni ghandha tkun biss wahda nominali .

**Ikkonsidrat;**

**Illi t-tielet aggravju dwar il-piena tal-appellanti pero' jidher pjenament fondat ghax fil-waqt li qabel l-emendi tas-sena 2002, it-tnaqqis mill-piena karcerarja ta' kull periodu li l-hati kien ikun ghamel taht arrest preventiv kien wiehed diskrezzjonali f' idejn il-Qorti, wara l-introduzzjoni tal-emenda ghall-artikolu 22, din saret awtomatika w tassattiva, anki fejn il-Qorti ma ssemmi xejn. Di fatti l-artikolu 22 kif emendat jaqra li :-**

*"….kull zmien qabel id-dikjarazzjoni ta' htija u l-kundanna li tulu l-ikkundannat ikun inzamm fil-habs ghar-reat jew reati li tieghu jew taghhom huwa jkun gie misjub hati u kkunndannat, li ma jkunx zmien maghmul il-habs f' esekuzzjoni ta' kundanna, jitqies bhala parti miz-zmien ta' prigunerija jew detenzjoni taht il-kundanna tieghu."*

**Illi r-reati addebitati lill-appellanti kienu jirrisalu ghax-xahar t' Ottubru, 2004 u ghalhekk ma hemmx dubju li l-emenda in kwistjoni kienet gja giet *in vigore* meta qed jigi allegat li gew kommessi r-reati in dizamina w *multo magis* meta nghatat is-sentenza appellata. Ghalhekk kull periodu ta' arrest preventiv li l-appellanti ghamlet** BISS IN KONNESSJONI **mar-reati mertu ta' din il-kawza, ghandu jitnaqqas mill-periodu karcerarju li ghalih qed tigi kundannata l-appellanti.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabitha hatja tal-ewwel imputazzjoni w tirrevokaha in kwantu sabitha hatja tat-tieni imputazzjoni w in kwantu kkundannatha ghall-piena ta' prigunerija ta' sentejn u sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata w minnflok ma ssibhiex hatja tat-tieni imputazzjoni w minnha tilliberaha w tikkundannaha ghal sentejn u tlitt xhur prigunerija li minnhom ghandu jinqata' kull zmien li hi ghamlet taht arrest preventiv a tenur tal-artikolu 22 tal-Kodici Kriminali.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------